TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 20/2025**

Data: It-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

**20.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 19**

20.1.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.19 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondati mis-Sur Dasier Damato, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**20.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 18**

20.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Anabelle Marmara u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Novembru 2025 u s-16 ta' Diċembru 2025 li kienet tammonta għal €72,754.91

**20.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 19**

| | |
|---|---|
| **20.3.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li wara d-diskussjoni li kien hemm fuq din l-applikazzjoni online, is-suppliers kienu taw rata iktar vantaġġjuża peress li l-faċilita' hija tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-faċilita' tibda tiġi rriklamata u anki jsiru bookings minn fuq din il-pjattaforma. |
| **20.3.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li r-rivista tqassmet u talbet lil dawk il-kunsilliera li jkollhom ilmenti mir-residenti li ma rċivewiex jieħdu nota tat-toroq sabiex jiġu rrappurtati lill-Maltapost. |
| **20.3.3 Framework Agreement – Public Works Department** | Is-Sindku semma li l-proġett għadu ma bediex wara li kien hemm xi problemi jew affarijiet amministrattivi bejn il-Periti, H&S officers u l-kuntrattur ta' min kellu jieħu r-responsabbilitajiet jekk hux il-kuntratturi tal-Kunsill jew il-ħaddiema tal-Public Works. Is-Segretarja semmiet li kienet intalbet laqgħa mal-Public Works. |

TARXIEN
Local Council

**20.3.4 Sessjonijiet taz-zumba**

Is-Sindku semma li fuq informazzjoni li għandu li ż-żewġ każini ma aċċettawx li ssir iz-zumba għandhom. Is-Sur Dasier Damato semma li s-sala tal-Agostinjani kienet wisq għolja sabiex tinkera kull ġimgħa. Filwaqt li anki s-Sala tal-Erwieħ ma xtaqux li jkollhom dawn is-sessjonijiet jiġu organizzati hemm. Għaldaqstant kien hemm qbil li matul ix-xhur tax-xitwa dawn is-sessjonijiet jieqfu. Semmew li jekk wieħed jara li ser idum ma jibda l-irrinovar tal-uffiċju għal matul ix-xhur tax-xitwa ssir fis-sala tal-komunita'.

**20.3.5 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni fuq din is-sejħa.

**20.3.6 Pjazza**

Is-Sindku semma li x-xogħol miexi sew u semma li kienu waslu biex jagħmlu l-aħħar toqob tal-arbli tal-festi.

**20.3.10 Vjal Kulħadd**

Is-Sindku semma li sal-aħħar ta' Ġunju dan il-proġett għandu jkun lest.

**20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.4.1 Is-Sindku propona li l-Kunsill iħallas spejjeż tal-materjal tal-injam sabiex isiru kaxxi ġodda taħt il-pedestalli minħabba li issa l-livell tal-pjazza ser jinbidel. Is-Sindku semma li fil-ġimgħat li ġejjin ser tintbagħat ttra sabiex tinqara lill-Kumitati tal-Festa fi ħdan kull Għaqda sabiex ikunu jistgħu jressqu stima tax-xogħol sabiex wara li tkun approvata mill-Kunsill isir MoU sabiex dawn isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Din il-proposta kienet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u kien hemm qbil unanimu sabiex wieħed jipproċedi b'dan l-arranġament.

# TARXIEN
Local Council

20.4.2 Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta qed jipproponu li l-pjazza tkun kollha pavimentar anki fejn kien ġej bit-tarmak. Semma li l-Kunsill fuq proposta ta' IM ikun jista' jagħmel tabelli sabiex jillimita l-aċċess għall-vetturi tqal. Semma li dawn it-tabelli jiġu nfurzati minn CCTV's. Propona wkoll li Triq Xintill tibqa' kif inhi bħal issa, tidħol minnha u wieħed jista' jew jiġbed lejn Triq Paola jew idur lejn il-Pjazza jekk ikunu vetturi inqas minn 5 tunellati.

Is-Sur Glenn Urry staqsa li jixtieq jifhem aħjar il-flow ta' traffiku kif ser tkun. Filwaqt li s-Sa. Nicole Farrugia ssuġġeriet li din forsi tingħalaq sad-9am sabiex ma jkunx qed jidħol traffiku li jipprova jgħaddi sabiex ma jużawx il-main roads.

Is-Segretarja semmiet li wieħed ikun iktar komdu japprova limitu ta' piż tal-vetturi li jiflaħ il-pavimentar jekk IM tagħti ċertifikazzjoni min-naħa tagħha sabiex wara jsiru tabelli neċessarji.

Is-Sur Dasier Damato semma li Paola Road xorta jibda jgħaddi shuttle service anki peress li ser ikun diffiċli li vetturi kbar jikwatraw biex iduru.

Is-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Anabelle Marmara kienu għadhom xettiċi fuq il-pjan propost. Filwaqt li fuq proposta tas-Sindku minnkejja li kien jidher li hemm qbil bejn il-kumplament tal-Kunsilliera preżenti peress li ser issir re-routing taċ-ċentru tal-lokal jekk hemm bżonn issir laqgħa oħra interna sabiex tittieħed deċiżjoni malajr peress li l-kuntrattur irid ilesti s-sodda għall-madum.

20.4.3 Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd għall-attivitajiet tal-Milied li kienu saru fil-lokal. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li l-kunċert fil-Knisja kien tajjeb ħafna li kieku għandu jitnaqqas ftit il-ħin.

20.4.4 Is-Sur Dasier Damato semma li kien qed jiġbor kwotazzjoni għall-festin tat-tfal li qed jaħseb li din id-darba ma jsirx f'sala imma ġewwa Pembroke. Semma li hemm żewġ pakketti offruti dak ta' €12 u €14 jiddependi mill-attivitajiet magħżula. Semma li ser ikun festin addattat għal tfal bejn is-sitt snin u t-tlettax-il sena. Semma li qed jaħseb li dan isir nhar l-4 ta' Jannar bejn 9:30am u 12:00pm u jiġi provdut transport minn Ħal Tarxien u lura.

Il-Kunsilliera preżenti semmew li idealment ikun hemm xi attivita' li fiha t-tfal isajru xi ħaġa peress li fil-pakkett m'hemmx inkluż l-ikel. Semmew ukoll li importanti li t-tfal kollha jkunu akkumpanjati minn adulti.

JAG

20.4.5 Is-Sindku semma li d-dawl ta' zebra crossing ta' Triq Sqajjaq issa ġiet riżolta wara li rrnexxielu jkellem resident u grazzi għal dan ir-resident aċċetta li jsir l-wire mal-faċċata tiegħu.

20.4.6 Is-Sindku semma li nhar il-11 ta' Jannar ser ikun hemm il-ftuħ uffiċjali tar-Reġjun tal-Kultura 2026 li għal din is-sena ser ikun qed jiġi ċċelebrat ir-Reġjun Port. Semma li mal-baned hemm kollox ikkordinat u ser ikunu qed idoqqu l-baned it-tnejn flimkien. Semma li ser tinkixef plakka kommemorattiva kif ukoll tittella' l-bandiera.

20.4.7 Is-Sindku semma li ħaddiem ieħor tal-komunita' kien qed jieħu t-taħriġ sabiex ikun jista' jgħin fis-servizz ta' shuttle service tal-van tal-Kunsill.

20.4.8 Is-Sindku semma li performance bonus tal-ħaddiema tal-komunita' (CWSF) kien żdiet minn snin preċidenti u kien hemm qbil li kull ħaddiem jieħu l-massimu.

20.4.9 Is-Sindku semma li s-servizz tat-tilqima tal-influwenza kien ingħata b'suċċess. Semma li l-Kunsill kien ħallas s-servizz ta' nurse sabiex tkun amministrata t-tilqima.

20.4.10 Is-Sindku semma li għax-xogħolijiet ta' manutenzjoni ġewwa Triq Xintill kien instab kuntrattur imma kien ser jibda wara l-festi.

20.4.11 Is-Sindku semma li għall-intervisti tal-post vakant fi skala 16 kien hemm qbil li l-Board tal-Għażla jiltaqa nhar is-7 ta' Jannar fil-17:00.

20.4.12 Is-Sindku semma li l-memo tal-ħinijiet tal-ftuħ lill-ħaddiema kienet intbgħatet u l-ħaddiema klerikali għażlu li jaħdmu kulljum ix-xhur kollha tas-sena bejn is-7am u 15:30.

20.4.13 Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni minn probation officer sabiex resident minn lokalita' oħra jgħamel siegħat ta' xogħol komunitarju. Kulħadd qabel li m'hemm l-ebda oġġezzjoni sabiex isir dan imma qabel għandha issir laqgħa anki mal-ħaddiem innifsu sabiex anki l-Kunsill ikun jaf min hu u x'kapaċi jagħmel.

20.4.14 Is-Sindku semma li Rigal b'Imħabba ser issir waqt il-parata tal-Milied tat-tfal li hemm skedata għal nhar id-19 ta' Diċembru.

20.4.15 Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjoni tar-renta tal-garage ġewwa Triq Lanzon. Semma li din is-sena telgħet għal €1,700.

20.4.16 Is-Sindku semma li t-tiżjien tal-Milied kien tlesta u nxtegħel koilu.

20.4.17 Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema li applikaw għall-fondi taħt l-iskema SPI 07/2025 sabiex il-Kunsill kien eliġibbli sabiex jibbenifika minn fond ta' €82,000.

20.4.18 Is-Sindku semma li kienu qed jiġu nstallati bike racks mir-Reġjun Port b'fondi minn skema ta' Transport Malta.

20.4.19 Is-Sindku semma li hemm zebra crossing fi Triq Dejma li qiegħda eżatt quddiem garage u li l-Kunsill ser jikteb lil TM sabiex din titressaq.

20.4.20 Is-Sindku semma li l-bankini ta' Paola Road ma kellhomx culverts. Semma li hemm bżonn jinxtraw manholes tal-ħadid u jidher li hemm spiża ta' €534. Din l-ispiża kienet approvata minn dawk preżenti.

20.4.21 Is-Sindku semma li ġew approvati traffic calmers ġewwa: Triq Annetto Caruana, Triq il-Witja, Triq Sammat, Triq San Franġisk filwaqt li Triq il-Witja trid tersaq għaliex tinstab quddiem garage.

20.4.22 Is-Sindku semma li kien hemm problema bil-Kunsill tat-Tfal dan peress li jidher li kien hemm problema mill-organizzaturi ta' dan il-kunsill. Is-Sur Dasier Damato spjega li hemm problema anki biex it-tfal jitħajjru jibdew jattendu. Semma wkoll li minnkejja qed jibgħat komunikazzjoni lill-persuni nkarigati dawn mhux jikkomunikaw lura. Kien hemm qbil li jekk din il-problema tirrepeti ruħha l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija.

20.4.23 Is-Sindku semma li kien hemm talba minn resident li qasam tyre ta' karozza f' ħofra li sab fit-triq. Kien hemm qbil li qabel il-Kunsill jiddiskuti dan r-rapport, ir-resident għandu jippreżenta claim.

**20.5 Approvazzjoni ta' Performance Appraisals tal-ħaddiema klerikali u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

20.5.1 Wara li kienu preżentati r-rapporti tal-ħaddiema, fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella u bi qbil unanimu kien hemm approvazzjoni li l-ħaddiema klerikali flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

20.5.2 Is-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera rringrazzjaw lill-ħaddiema kollha tal-ħidma tagħhom.

**20.6 Approvazzjoni ta' Akkumular tal-Leave mhux użat għas-sena 2026.**

20.6.1 Fuq rikjesta tal-ħaddiema klerikal, tresqet proposta sabiex it-tliet ħaddiema klerikali jġeddu leave mhux użat għas-sena 2026.

20.6.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia l-akkumulazzjoni tal-leave kien approvat.

**20.7Aġġornament**

20.7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2026 fil-17:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill u wara jsegwi l-AGM tal-Kunsill fis-18:30 ġewwa s-sala tal-Komunita'.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**